

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/204**tat-3 ta' Frar 2017**

li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward tal-injam tal-fraxxnu li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti tal-Amerka, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2416 li tirrikonoxxi ċerti żoni tal-Istati Uniti tal-Amerka bħala ħielsa mill-Agrilus planipennis Fairmaire

(notifikata bid-dokument C(2017) 420)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1) u l-punti 2.3, 2.4 u 2.5 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, jipprevedi rekwiżiti speċjali fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu (*Fraxinus L.*), kif ukoll speċijiet oħra ta' injam, li joriġina fl-Istati Uniti tal-Amerka.
- (2) L-Istati Uniti tal-Amerka talbu li tiġi rikonoxxuta taħlita ta' proċeduri li flimkien jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni fitosanitarja daqs dak li huwa meħtieġ skont il-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.
- (3) Mill-informazzjoni uffiċjali ppreżentata mill-Istati Uniti tal-Amerka jidher li permezz ta' approċċ ta' sistemi integrati applikat waqt l-ipproċessar tal-injam, ir-riskju ta' infestazzjoni mill-organiżmu ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire ġie eliminat.
- (4) Jenħtieġ li dak l-approċċ ikun ikkumplementat minn ċerti rekwiżiti għall-faċilitajiet, għall-ispezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni u għat-tikkettar sabiex ikun żgurat li dan ir-riskju jiġi eliminat.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li dawk il-proċeduri jiġu rikonoxxuti bħala għażla alternattiva għall-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerka, u jenħtieġ li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kontrolli effettivi, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn l-importazzjonijiet tal-injam tal-fraxxnu u lejn il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità relatati ma' dawk l-importazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward taċ-ċertifikati fitosanitarji, ir-rappurtar dwar l-importazzjoni u n-notifika ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità.
- (7) Huwa xieraq li t-tul ta' żmien tad-deroga jiġi limitat sat-30 ta' Ġunju 2018 sabiex jiġi żgurat rieżami f'waqtu ta' kemm huma xierqa l-miżuri ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2416⁽²⁾ irrikonoxxiet ċerti żoni tal-Istati Uniti tal-Amerka bħala ħielsa mill-Agrilus planipennis Fairmaire għall-finijiet tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu (*Fraxinus L.*), u ta' ċerti speċijiet oħra tal-injam.
- (9) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2416 titħassar peress li, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti, intwera li ż-żoni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-Agrilus planipennis Fairmaire ma kinux stabbli wara l-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2416 tas-17 ta' Diċembru 2015 li tirrikonoxxi ċerti żoni tal-Istati Uniti tal-Amerka bħala ħielsa mill-Agrilus planipennis Fairmaire (ĠUL 333, 19.12.2015, p. 128).

- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni biex tingħata d-deroga

B'deroga mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-introduzzjoni fit-territorju tagħhom tal-injam tal-fraxxnu (*Fraxinus L.*) li joriġina jew li ġie pproċessat fl-Istati Uniti tal-Amerka (minn issa 'l quddiem: "injam speċifikat") li, qabel ma jinħareġ 'il barra mill-Istati Uniti tal-Amerka, ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Iċ-ċertifikat fitosanitarju

1. L-injam speċifikat għandu jkollu miegħu ċertifikat fitosanitarju maħruġ fl-Istati Uniti tal-Amerka, skont l-Artikolu 13a(3) u (4) tad-Direttiva 2000/29/KE, li jiċċertifika li wara li saritlu spezzjoni, l-injam instab li huwa ħieles mill-organiżmi ta' ħsara.
2. Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) id-dikjarazzjoni "Skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/204";
 - (b) in-numru/i tal-lott(ijiet);
 - (c) isem il-faċilità/ajiet approvata/i fl-Istati Uniti tal-Amerka.

Artikolu 3

Ir-rappurtar dwar l-importazzjoni

Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istat Membru tal-importazzjoni għandu jagħti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, l-informazzjoni dwar l-ammonti tal-konsenji tal-injam speċifikat importati matul dik is-sena skont din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

In-notifika ta' nuqqas ta' konformità

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull konsenja li ma tikkonformax ma' din id-Deċiżjoni. Dik in-notifika għandha ssir mhux iktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara d-data li fiha tkun ġiet interċettata konsenja ta' dan it-tip.

Artikolu 5

It-tħassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2416

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2416 titħassar.

*Artikolu 6***Id-data ta' skadenza**

Din id-Deċiżjoni tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 7***Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

1. Ir-rekwiżiti tal-ipproċessar

L-ipproċessar tal-injam speċifikat irid jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) It-tqaxxir

L-injam speċifikat jitqaxxar, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' biċċiet żgħar tal-qoxra li jkunu jidhru li huma separati u li jkunu distinti b'mod ċar, u li jikkonformaw ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollhom wisa' ta' inqas minn 3 cm (ikun xi jkun it-tul tagħhom) jew

(b) jekk ikunu usa' minn 3 cm, l-erja totali tas-superfiċe ta' kull biċċa qoxra individwali tkun inqas minn 50 cm².

(b) L-issegar

L-injam issegat speċifikat ikun prodott minn injam tond li tneħħietlu l-qoxra.

(c) It-trattament bis-šhana

L-injam speċifikat jissaħħan skont it-tip tal-injam f'temperatura ta' minn tal-inqas 71 °C għal 1 200 minuta f'kompartment tat-tisħin approvat mis-Servizz ta' Spezzjoni tas-Saħħa tal-Animali u tal-Pjanti (APHIS), jew minn aġenzija approvata minnu.

(d) It-tnixxif

L-injam speċifikat jitnixxef skont skedi ta' tnixxif industrijali li jdumu minn tal-inqas ġimagħtejn u li jkunu rikonoxxuti mill-APHIS.

Il-kontenut ta' ndewwa finali tal-injam ma għandux jaqbeż l-10 %, espress bħala persentaġġ ta' materja niexfa.

2. Ir-rekwiżiti għall-faċilitajiet

L-injam speċifikat irid jiġi prodott, jitqandel jew jinħażen f'faċilità li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) tkun approvata uffiċjalment mill-APHIS skont il-programm ta' ċertifikazzjoni tiegħu fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire;

(b) tkun irreġistrata f'bażi ta' dejta li tkun ippubblikata fuq is-sit web tal-APHIS;

(c) tkun awditjata mill-APHIS, jew minn aġenzija approvata minnu, minn tal-inqas darba fix-xahar u jkun ġie konkluż li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(d) tkun tuża tagħmir għat-trattament tal-injam speċifikat li jkun ġie kkalibrat b'mod konsistenti mal-manwal tat-tħaddim tat-tagħmir;

(e) tkun iżżomm regjistru tal-proċeduri tagħha għall-verifika mill-APHIS jew minn aġenzija approvata minnu, inkluż it-tul ta' żmien tat-trattament, it-temperaturi waqt it-trattament u l-kontenut ta' ndewwa finali għal kull lott speċifiku li jrid jiġi esportat.

3. It-tikkettar

Fuq kull lott tal-injam speċifikat iridu jidhru b'mod ċar kemm in-numru tal-lott kif ukoll tikketta bil-kliem "HT-KD" jew "Trattament bis-Šhana-Imnixxef fil-Kalkara". Dik it-tikketta trid tinħareġ minn uffiċjal maħtur mill-faċilità approvata jew taħt is-superviżjoni tiegħu, wara li jkun ġie vverifikat li r-rekwiżiti tal-ipproċessar stabbiliti fil-punt 1 u r-rekwiżiti għall-faċilitajiet stabbiliti fil-punt 2 jkunu ġew issodisfati.

4. L-ispezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni

L-injam speċifikat irid jiġi spezzjonat mill-APHIS, jew minn aġenzija approvata uffiċjalment minnu, sabiex jiġi vverifikat li qabel l-esportazzjoni fl-Unjoni jkun għadda mill-proċeduri u mill-miżuri fitosanitarji kollha li bihom ikun jista' jiġi konkluż li jkun ħieles mill-organiżmu ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire.
